MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2233/2003

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Francis E Sullivan & Company Limited.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Novembru tas-sena 2003 fejn is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta tliet mija u wiehed u disghin lira u disgha u tletin centezmu (Lm391.39) rapprezentanti prezz ta kera ta ghodda u ghal hsarat kagonati fl-istess ghodda matul it-terminu tal-kirja fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u dana skond kuntratt ta kera li kien igib in-numru 12755.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittra legali datata 6 ta Ottubru 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratt relattiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta prezentata fil-15 ta Dicembru 2003 fejn ikkontestat it-talba ghal hlas stante li allegat li tali talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt kif kienet sejra turi waqt il-process.

Ra x-xhieda prodotti fosthom dawk ta Raymond Hubert ghas-socjeta' attrici u ta Alexander Ellul Sullivan ghas-socjeta' konvenuta u l-kontro-ezami tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjeta' konvenuta markati minn Dok RH1 sa Dok RH11.

Ikkunsidra

Illi xoghol s-socjeta' attrici hi dik li tikri makkinarju lill-klijenti tieghi fosthom l-istess socjeta' konvenuta li kienet giakriet minnghandha f'okkazzjonijiet precedenti ghal kaz in ezami.

Illi mhux kontestat li fuq talba tas-socjeta' konvenuta, l-attur nomine fil-fatt krielhom zewg bicciet ta makkinarja li gew debitament konsenjati u l-kuntratt relattiv konkluz u ffirmat datat 27 ta Mejju 2002 (vide Dok RH1 sa RH3). Skond it-termini tal-istess kuntratt hemm pattwit car u tond illi l-kerrej b'ebda mod ma jista jipprova jsewwi dawn il-makni lilu mikrija f'kaz ta hsara (Dok RH 4 (d)). Illi l-makna maghrufa bhala "Surface Scaler" giet sussegwentement migbura lura mis-socjeta' attrici f'xi zmien wara t-12 ta Gunju 2002 minnhabba hsarat li regghet zviluppat liema hsarat tant kienu ta natura estensiva li spiccat ma gietx ritornata lura lill-konvenuti in vista tal-fatt li l-atturi qed jallegaw li dawn graw minnhabba uzu hazin u kif ukoll minnhabba li l-konvenuti jew terzi mqabbda minnhom ipprovaw jirrangawha minnghajr awtorizzazzjoni u spiccaw biex ikkagunawlha aktar hsarat. Ta dan is-socjeta' konvenuta kienet giet debitament avzata u nfurmata dwar in-natura, entita u valur tal-istess hsarat (Dok RH5,6 u 7); Il-makna l-ohra giet ritornata wara biss

tliet ijiem u kwindi s-socjeta' konvenuta kienet giet mitluba l-hlas relattiv taghha ghal dawn it-tliet ijiem biss (Dok RH8).

Illi Alexander Ellul Sullivan, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta apparti li jikknferma li kienet l-istess socjeta' konvenuta li kriet il-makkinarju in kwistjoni minnghand is-socjeta' attrici jikkonferma wkoll li kienu l-persuni li wzaw l-imsemmi makkinarju li pprovaw isewwu wahda mill-makni meta gralha l-hsara u mhux impjegati tas-socjeta' attrici, stante certu urgenza u zmien ta festi. Ghalkemm dan ix-xhud ighid li inizjalment kellhom bzonn din il-makna ghal xi jumejn fuq il-kuntratt relattiv ta kera kien gie pattwit zmien stmat ta gimgha. Ghandu jirrizulta wkoll li l-makna li gratilha l-hsara kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta mis-27 ta Mejju 2002 sa ta l-anqas it-12 ta Gunju 2002 salv jumejn jew tlieta meta kienet ghand l-attur ghal skopijiet ta tiswija.

Jigi notat li n-nota ta l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenut nomine hija vaga hafna pero mix-xhieda minnhom prodotta tramite r-rapprezentant taghha ghandu jinftiehem li bazikament huma qed jikkontestaw il-fatt li ma messhomx gew mitluba hlas ghal dawk il-granet kemm damet bil-hsara peress li kienet fil-pussess tal-atturi ghat-tiswija. Dana qed jinghad peress illi l-istess rapprezentant ikkonferma ghal darba tnejn li kienet l-istess socjeta' konvenuta li kriet dawk il-makni ai termini tal-kuntratt precitat u li kien ben konxju tal-fatt li tali makni ma messhomx intmissu minn persuni ghajr dawk awtorizzati mis-socjeta' attrici.

Illi mix-xhieda tas-sur Huber jidher pero li l-makna in kwistjoni kienet damet ghandhom ghal gurnata wahda biss peress li meta rega nqalalha l-hsara t-tieni darba, (ghal habta tat-12 ta Gunju 2002) tant kienu sabuha f'kondizzjoni hazina li zammewha ghandhom u ma tawhiex lura lill-konvenuti. Illi ghalhekk hlief ghal din il-gurnata meta kienet ghand is-socjeta' attrici, il-makna in kwistjoni kienet fil-pussess tal-konvenuti mis-27 ta Mejju sat-12 ta Gunju 2002 cioe 17 il-gurnata u kwindi is-

socjeta' attrici tidher gustifikata li qed titlob minnghandhom kera ghal gimghatejn il-ghaliex tassew baqghet f'idejn is-socjeta' konvenuta ta l-anqas ghal dan il-perjodu kif dal resto konfermat mill-istess xhud Ellul Sullivan fix-xhieda tieghu.

Illi ma jidhirx li l-kera tal-makna l-ohra u l-valur tal-hsarat qed jigu kontestati per se pero fi kwalunkwe kaz it-Tribunal isib li ghar-rigward il-valur tal-hsarat dawn jidhru ragjonevolment accettabbli ghalkemm ma gewx konfermati bil-gurament.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u kwindi jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta tliet mija u wiehed u disghin lira u disgha u tletin centezmu (Lm391.39) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din id-decizjoni u bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------